# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 215

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 64

7 ta' Ġunju 2021

Werrej

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2021/C 215/01 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.9695 — LVMH/Tiffany) (1) ..... 1

2021/C 215/02 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.10222 — CDPQ/Telefónica/FiBrasil JV) (1) ..... 2

2021/C 215/03 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.10233 — Clearlake/TA Associates/Charlesbank/Ivanti) (1) ..... 3

2021/C 215/04 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.10087 — Proximus/Nexus Infrastructure/JV) (1) ..... 4


IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2021/C 215/05 Rata tal-kambju tal-euro — L-4 ta' Ġunju 2021 ..... 5


**Il-Qorti tal-Awdituri**


2021/C 215/06 Rapport Speċjali Nru 9/2021 — Id-diżinformazzjoni taffettwa lill-UE: qed tiġi indirizzata iżda mhux mitigata ..... 6


MT

(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2021/C 215/07 Avviż tal-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 17(5) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità — Sejħa għall-offerti rigward it-tħaddim ta' servizzi tal-ajru skedati skont l-obbligi tas-servizz pubbliku ([1]) ... 7

V *Avviżi*

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2021/C 215/08 Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.10078 — Cargotec/Konecranes) ([1]) ............................ 8

2021/C 215/09 Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.10165 — Astrazeneca/Alexion Pharmaceuticals) ([1]) ....... 10

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

**(Il-Każ M.9695 — LVMH/Tiffany)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2021/C 215/01)

Fit 26 ta' Ottubru 2020, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) fid-dokument li jġib in-numru 32020M9695. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

**(Il-Każ M.10222 — CDPQ/Telefónica/FiBrasil JV)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2021/C 215/02)

Fit 22 ta' April 2021, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) fid-dokument li jġib in-numru 32021M10222. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

---

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

**(Il-Każ M.10233 — Clearlake/TA Associates/Charlesbank/Ivanti)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2021/C 215/03)

Fit 6 ta' Mejju 2021, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) fid-dokument li jġib in-numru 32021M10233. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

**(Il-Każ M.10087 — Proximus/Nexus Infrastructure/JV)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2021/C 215/04)

Fit 24 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) fid-dokument li jġib in-numru 32021M10087. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Rata tal-kambju tal-euro** [1]

**L-4 ta' Ġunju 2021**

(2021/C 215/05)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,2117 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,4680 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 133,39 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 9,4000 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4368 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,6936 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,85690 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,6094 |
| SEK | Krona Żvediża | 10,1050 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 352,93 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,0951 | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 16,5424 |
| ISK | Krona Iżlandiża | 147,10 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 7,7667 |
| NOK | Krona Norveġiża | 10,1560 | HRK | Kuna Kroata | 7,5035 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 17 358,97 |
| CZK | Krona Ċeka | 25,451 | MYR | Ringgit Malażjan | 5,0019 |
| HUF | Forint Ungeriż | 346,56 | PHP | Peso Filippin | 57,874 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,4703 | RUB | Rouble Russu | 88,6904 |
| RON | Leu Rumen | 4,9230 | THB | Baht Tajlandiż | 37,866 |
| TRY | Lira Turka | 10,5183 | BRL | Real Brażiljan | 6,1874 |
| AUD | Dollaru Awstraljan | 1,5804 | MXN | Peso Messikan | 24,4415 |
| | | | INR | Rupi Indjan | 88,4602 |

(1) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

# IL-QORTI TAL-AWDITURI

**Rapport Speċjali Nru 9/2021**

**Id-diżinformazzjoni taffettwa lill-UE: qed tiġi indirizzata iżda mhux mitigata**

(2021/C 215/06)

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri b'dan tinfurmak li r-Rapport Speċjali Nru 9/2021 "Id-diżinformazzjoni taffettwa lill-UE: qed tiġi indirizzata iżda mhux mitigata" għadu kif ġie ppubblikat.

Ir-rapport jista' jiġi kkonsultat jew imniżżel mis-sit web tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: http://eca.europa.eu.

# INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

**Avviż tal-Kummissjoni f’konformità mal-Artikolu 17(5) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta’ servizzi tal-ajru fil-Komunità**

**Sejħa għall-offerti rigward it-tħaddim ta’ servizzi tal-ajru skedati skont l-obbligi tas-servizz pubbliku**

**(Test b’rilevanza għaż-ŻEE)**

(2021/C 215/07)

| | |
|---|---|
| Stat Membru | Franza |
| Rotot ikkonċernati | Strasburgu – Amsterdam<br>Strasburgu – Madrid<br>Strasburgu – Munich |
| Perjodu ta’ validità tal-kuntratt | Mid-9 ta’ April 2022 sat-8 ta’ April 2025 |
| Skadenza għat-tressiq tal-applikazzjonijiet u tal-offerti | l-4 ta’ Awwissu 2021, qabel il-ħamsa ta’ wara nofsinhar, ħin ta’ Pariġi (Franza) |
| Indirizz minn fejn jista’ jinkiseb it-test tas-sejħa għall-offerti u kull informazzjoni u/jew dokumenti rilevanti b’rabta mas-sejħa għall-offerti u mal-obbligi tas-servizz pubbliku | Direttorat Ġenerali għall-Avjazzjoni Ċivili – Direttorat għat-Trasport bl-Ajru<br>Subdirettorat għas-Servizzi tal-Ajru (SDS1)<br>50, rue Henry Farman<br>75 720 Paris CEDEX 15<br>FRANZA<br><br>Telefon +33 388594141<br>Faks +33 388594146<br>Posta elettronika: dsac-ne-osp-bf@aviation-civile.gouv.fr<br>Indirizz tal-profil tax-xerrej: https://www.marches-publics.gouv.fr/?page=entreprise.EntrepriseAdvancedSearch&AllCons&refConsultation=754634&orgAcronyme=d4t |

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

## (Il-Każ M.10078 — Cargotec/Konecranes)

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2021/C 215/08)

1. Fit-28 ta' Mejju 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Cargotec Corporation ("Cargotec", il-Finlandja),

— Konecranes plc (iktar 'il quddiem "Konecranes", il-Finlandja).

Cargotec tidħol f'amalgamazzjoni sħiħa fis-sens tal-Artikolu 3(1a) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet ma' Konecranes.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' kuntratt.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Cargotec: toffri tagħmir u servizzi b'mod partikolari għall-immaniġġar tal-merkanzija fil-portijiet, fit-terminals, u għat-trasport bil-baħar u bit-triq. L-attivitajiet ewlenin ta' Cargotec huma maqsuma fi (i) in-negozju ta' Kalmar, li joffri tagħmir għall-immaniġġar tal-merkanzija u soluzzjonijiet awtomatizzati tat-terminals; (ii) Hiab, li joffri tagħmir għall-immaniġġar tat-tagħbija fit-triq; u (iii) MacGregor, li jipprovdi soluzzjonijiet u servizzi ta' inġinerija għall-industrija marittima,

— Konecranes: toffri tagħmir u servizzi b'mod partikolari għall-irfigħ u l-immaniġġar tal-merkanzija fit-tarzni, fil-portijiet u fit-terminals. L-attivitajiet ewlenin ta' Konecranes huma maqsuma fi (i) in-negozju ta' Port Solutions, li joffri tagħmir għall-immaniġġar tal-containers u t-teknoloġija ta' awtomatizzazzjoni; (ii) Industrial Equipment, li joffri paranki, krejnijiet u soluzzjonijiet ta' mmaniġġar ta' materjal għall-industriji tal-manifattura u tal-ipproċessar.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10078 — Cargotec/Konecranes

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

## Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

## (Il-Każ M.10165 — Astrazeneca/Alexion Pharmaceuticals)

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2021/C 215/09)

1. Fil-31 ta' Mejju 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— AstraZeneca PLC ("AstraZeneca", ir-Renju Unit); kif ukoll

— Alexion Pharmaceuticals Inc. ("Alexion", l-Istati Uniti tal-Amerka).

AstraZeneca takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Alexion kollha kemm hi. Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— AstraZeneca: kumpanija farmaċewtika globali involuta fl-iżvilupp u l-kummerċjalizzazzjoni tal-mediċini fl-oqsma ewlenin tat-terapija li ġejjin: (i) l-onkoloġija; (ii) kardjovaskulari, renali u metaboliżmu; u (iii) respiratorja u immunoloġija;

— Alexion: kumpanija bijofarmaċewtika Amerikana li tiffoka fuq mard rari u ultrarari li għalih hemm ħtieġa medika għolja mhux issodisfata.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10165 — Astrazeneca/Alexion Pharmaceuticals

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT